| | | |
|---|---|---|
| UFFIĊĊJU TAT-TRIBUNAL GĦAL<br>SERVIZZI FINANZJARJI<br>ĊENTRU MALTI TA' L-ARBITRAĠĠ<br>33, TRIQ NOFSINHAR,<br>VALLETTA VLT 11 | MALTA | OFFICE OF THE FINANCIAL<br>SERVICES TRIBUNAL<br>MALTA ARBITRATION CENTRE<br>33, SOUTH STREET,<br>VALLETTA VLT 11 |

Dr Ian Stafrace LL.D. Chairman

Dr. Nicholas Valenzia LL.D Membru

Mr. Joseph Azzopardi FCCA, FIA, CPA, MBA (Warwick) Membru

FST 04/20

Corporate & Commercial FX Services Limited C 50469

vs.

Awtorita ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta

Illum, 8 ta' Frar 2023,

It- Tribunal,

Ra ir-rikors ta' l- Appellanta tal-4 ta' Settembru 2020 li fih intqal is-segwenti:

Li l-Awtorita Appellata ddecidiet permezz ta' ittra datata fis-7 ta' Awissu 2020 s-segwenti:

*"Consequently, in view of the above breaches referred to in Sections 3 and 4, after considering the failures referred to in Section 5 above, and after due consideration of the written representations submitted by the Institution, the Authority hereby notifies the Institution of its decision as follows:*

*1. The licence of the Institution is hereby being withdrawn in terms of article 6(1)(d) and (i) of the Act.*

*2. in terms of article 7B of the Act, the Authority hereby directs the Institution to proceed with returning all clients' funds held by the Institution as at close of business today, by not later than 21 August 2020.*

*3. In view of point 2 above, and in terms of article 78 of the Act, the Institution is hereby also directed to report to the Authority on an individual basis any client balances as at today, close of business. The Institution shall also provide supporting evidence (such as bank statements) showing where client balances are held. Thereafter, at the end of each working day, the Institution shall provide details to the Authority on the return of clients' funds. The information to be provided shall at least include payee details (name of the client, beneficiary account number and payee bank), payment amount and the respective date of transfer."*

Illi l-esponenti hassewhom aggravati id-decizzjoni imsemmija u qed jappellaw permezz ta' dan l-att mill-istess kapijiet imsemmija;

Illi l-aggravji taghha huma cari u manifest u jikkonsistu fis-segwenti:

1. L-Awtorita Appellata allegat li s-Socjeta Appellanti ma kienetx konformi ma'

l-Artikolu 5(1)(b) ta' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kap 376). Dan l-

Artikolu jittratta dwar hrug ta'licenzji. Stante li l-Awtorita Appellata kienet hareg licenzja lis-Socjeta Appellanti, b'hekk bil-fors kien hemm zewg diretturi kif rikjesti fil-ligi. Is-Socjeta Appellanti tixtieq tigbed l-attenzjoni (-proviso ta' l-istess Artikolu tal-ligi li tghid:

*"Izda l-kumpannija ghandha, wara li tinhareg il-Licenzja skont dan 1-Att, tgharraf lill-awtorita kompetenti minnufih b'kull bidla fic-Cirkostanzi li jirrigwardaw 1-applikazzjoni u tkun ukoll mehtiega li tipprovdi lill--awtoritakompetenti 1-informazzjoni mehtiega biex tissorvelja 1-konformita mal-kondizzjonijiet imsemmija fdan is-subartikolu fuq bazi kontinwa"*

Bhala sfond ta' dak li gara s-Socjeta Appellanti dejjem informat lill-Awtorita Appellata kull darba li kien hemm rizenja ta' direttur, kif kien gie indikat fl-ittra tas-7 ta' Awissu 2020. Kienet l-Awtorita Appellati li damu fir-risposti taghhom u sabu diffikultajiet ma' 1-individwi li gew mresqa sabiex jiehdu 1-inkarigu ta' direttur tas-Socjeta Appellanti. Dan se jigi ppruvat fil-mori ta' dan 1-appell bil--korrispondenza bejn il-partijiet u x-Xhieda / affidavit tad-direttur prezenti

tas--Socjeta Appellanti. Kien jikkombi fuq I-Awtorita Appellata sabiex tkun efficijenti sabiex tassigura li l-Artikolu 5(1)(b) jigi osservat.

Illi l-anqas huwa minnu Ii s-Socjeta Appellanti ma hadetx mizuri ghar-riskji fin--negozju taghha. San huwa merit ta' appell Ii hemm pendent Corporate & Commercial FX Services Limited -v- Financial Intelligency Analysis Unit (Rikors Nru: 1/2020). Bhala skond ta' dak Ii kien gara l-FIAU u I-Awtorita Appellata ghamlu spezzjoni fi Ottubru 2018 fejn indikaw xi nuqqasijiet. Is--Socjeta Appellanta sabiex tivverfika u tiehu mizuri adegwati sospendiet I--opperazzjonijiet taghha ghal certu zmien. Meta hadet dawn il-mizuri addizzjonali, regghet bdiet tiffunzjona. Dan sar b'mod volontarju u mhux b'xi direzzjoni la mill-Awtorita Appellata u I-anqas minn FIAU. B'hekk certament I-Artikolu 24A(b) tal-Kap 376 ma japplika. Is-Socjeta Appellanti dejjem tat I--informazzjoni kollha u korretta lill-Awtoritajiet kollha inkluz l-Awtorita Appellata.

**2.** Illi I-Awtorita Appellata ilmentat Ii ma inghatax ghar-rigward Punti 4 u 5 ta' I-lttra tas-7 ta' Awissu 2020, s-Socjeta Appellanti tinnega li ma osservatx il-kundizzjonijiet tal-licenzja taghha u t-tardivita ta'xi dokumenti m'ghandu jirrizulta ghat-tnehhija tal-licenzja

**3.** Illi l-ittra tas-7 ta' Awissu 2020, giet wara ittra Ii s-Socjeta Appellanti baghtet tramite I-Avukat sottoffirmat data I-1 ta' Gunju 2020, fejn s-Socjeta Appellanti informat lill-Awtorita Appellata li kienet hi se tirtira l-licenzja taghha u mhux se jkun revokat. Is-Socjeta Appellanti thoss, ii peress Ii hi socjeta zghira b'operazzjonijiet zghar, I-Awtoritajiet fosthom I-Awtorita Appellata, hadu decizjonijiet Ii jaghmlu l-hajja difficli ghaliha u ghal socjetajiet simili. B'hekk bhala strategija kummercjali tixtieq tohrog minn Malta. Huwa principju ben stabbili fid-dritt amministrattiv Ii l-Awtoritajiet pubblici bhal ma hi I-Awtorita Appellata ghandhom d-dmir Ii imbarra li jirregolaw is-suq m'ghandhomx jizdied pizijiet bla bzonn fuq l-operaturi tas-suq. Bid-decizzjoni ta' l-1 ta' Gunju 2020 Ii b'mod volontarju qed jiccedi l-licenzja li inghatalu ma kienx hemm bzonn id-decizjoni tas-7 ta'Awissu 2020. 11-meritu tal-proceduri biex l-Awtorita Appellata bl-ittra ta' 1 ta' Gunju 2020 giet ezawrita u b'hekk id-decizjoni ta' I--Awtorita Appellata hija frivola u vessatorja u hija intiza biss sabiex tohloq pregudizzju ghas-socjeta u l-ufficjali taghha fil-futur f'Malta jew fi gurisdizzjoni ohra. B'hekk tqis Ii d-decizzjoni tas-7 ta' Awissu 2020 hija nulla u bla effett.

Ghaldaqstant, l-esponenti, waqt li jaghmlu referenza ghal atti kollha mizmuma mill-Awtorita Appellata jitolbu Iil dan it-Tribunal a termini ta' I-Artikolu 21(13) tal--Kap 330 jaqleb u jivvarja d-decizzjoni tas-7 ta' Awissu 2020 u taghti d-direzzjoni li l-licenzja moghtija lis-Socjeta Appellanti giet irtirata permezz ta' l-ittra ta' l-1 ta' Gunju 2020.

Ra ir-riposta ta' l-Awtorita Appellata li permezz taghha wiegbet ghar-rikors tas-socjeta Appellanta bis-segwenti:

Illi d-decizjoni u d-direttivi tal-Awtorita' li qed jigu appellati huma gusti u jimmeritaw konferma.

Illil-aggravji tal-appellanti huma tlieta u l-Awtorita' sejra twiegeb ghalihom fl-istess ordni kronologiku 11 tqajmu.

**L-Ewwel Aggravju:**

1111 l-ewwel aggravju jaghmel is-segwenti argumenti:

(i) Una volta l-appellanti giet licenzjata mill-Awtorita' meta giet imwaqqfa, allura bilfors li l-appellanti kienet konformi mal-artikolu 5(1) (b) tal- Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kap 376).

(ii) L-appellanti dejjem gharrfetlill-Awtorita b'kull tibdil.

(iii) L-appellanti kienet qed tirrispetta l-artikolu 24A tal-Kap. 376.

Illi l-Awtorita' appellata ma taqbilx ma dan, kif ser jigi spjegat:

1. Illi l-artikolu 5(1) (b) tal-Kap. 376 ighid hekk:

*5. (1) No company shall be granted a licence in terms of this Act unless:*

*(b) there are at least two individuals, or any other number of individuals as may be otherwise determined by the competent authority, who will effectively direct the business of the financial institution from Malta.*

Illi l-appellanti targumenta li una volta fil-mument li giet licenzjata kellha zewg individwi bhala diretturi, allura l-fatt li sussegwentement spicca biex kien hemm direttur wiehed mhux problema, u l-Awtorita' ma setghet tghid xejn dwar dan.

Illi naturalment dan l-argument huwa fazull. 11-kuncett tal-four *eyes principle* huwa pilastru li fuqu huwa bbazat is-settur tas-servizzi finanzjari. L-obbhigu li jkollok minim u ta' zewg diretturi huwa obbligu li jippersisti ghad-durata kollha tal-hajja tal-appellanti, u mhux ghaikewwei minuta biss sakemm giet illicenzjata. Jekk ma tosservax dan l-obbligu ma tkunx tista' tibqa' licenzjata.

Illi fil-fatt mill-istess proviso tal-artikolu 5 (1) tal-Kap. 376 johrog car illi kumpanija ghandha, wara li tinhargilha licenzja that it-Kap. 376, tkun konformi mal-kondizzjonijiet imsemmija fl-istess subartikolu fuq bazi kontinwa:

*Provided that the company shall, after being licensed under this Act, inform the competent authority forthwith of any change in circumstances concerning the application and shall be further required to provide the competent authority with information necessary to monitor compliance with the conditions referred to in this sub-article on a continuous basis.*

Barra minn hekk l-artikolu 6(1) (d) takistess Kap. 376 jaghti bhala bazi sabiex l-awtorita' kompetenti tkun tista tirtira licenzja it-fats li l-kondizzjonijiet tal-licenzja m'ghadhomx qed jigu osservati:

*6.(1) The competent authority may withdraw, suspend or restrict a licence or registration issued to a financial institution where:*

*(d) the financial institution no longer fulfils the conditions required for the granting of the licence or registration, or any conditions stipulated in any Financial Institutions Rule, or fails to inform the competent authority on major developments in this respect;*

Illi bhala stat ta' fatt l-appellanti spiccatghal zmien twil b'direttur wiehed biss, u kollox kien dipendenti fuq din il-persuna biss.

2. Illi l-appellanti tkompli tipprova tiggustifika il-posizzjoni taghha billi tghid li una volta hija kienet infurmat lilt-Awtorita' h kienet spiccat b'direttur wiehed hiss, allura b'daqshekk kienet ghamlet dak kollu lil-ligi tippretendi minnha.

Illi naturalment il-fatt li inti tgharraflill-Awtorita' li qieghed karenti f'xi aspett ma jfissirx li inti inghatajt l-att tal-assoluzzjoni u dik il-karenza tinhafirlek. Altru minn hekk. L-obbligu li tigi informata l-Awtorita' b'karenza qieghed hemm sabiex l-Awtorita' tassigura ruhha li dik il-karenza tigi rimedjata immedjatament u ma jkunx hemm nuqqasijiet.

3. Illi l-appellanti jargumentaw ukoll li baqghu minghajr diretturi stante li, skond huma, l-Awtorita' damet biex tat risposti dwar l-eligibilita', ommeno, tal-persuni li kienu qed jigu proposti mill-appellanti bhala diretturi.

Illi dan assolutament mhux minnu. L-Awtorita' ghamlet xoghol estensiv in konnessjoni ma' kull persuna li giet rakkomandata mill-appellanti kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza. Wiehed irid japprezza li ghal kull persuna rakkomandata l-Awtorita' kellha tikkomunika ma' entitajiet ohra, u tistenna risposta minghandhom, sabiex twettaq *id-due diligence* taghha sabiex tassigura li tali persuna tkun *a fit and proper person* u tissodisfa wkoll *is-suitability criteria.*

Illi barra minn hekk kifjirrizulta mill-ittra li harget l-Awtorita' fit-22 ta' Marzu 2019 hija kienet approvat lil Giulio Cesare Stasi bhala non-executive director — imma dan tal-ahhar fit-12 t' April 2019 gharraf lill-Awtorita' li minhabba decizjoni strategika li hadet l-Appellanti ii-hatra tieghu ma kenitx ser tigi finalizzata. L-ebda informazzjoni ma inghatat Till-Awtorita dwar din id-decizjoni strategika.

4. illi l-appellanti b'dan l-aggravju targumenta wkoll li mhux minnu li ma haditx mizuri ghar-riskji fin-negozju taghha. Hija targumenta li kienet saret spezzjoni lilha mill-Awtorite u l-FIAU, u in vista tan-nuqqasijiet li kienu nstabu hija kienet volontarjament issospendiet l-attivitajiet taghha. Hi tghid Ii din l-azzjoni Ii tissospendi l-attivitajiet taghha ghamlitha b'mod volontarju, u mhux ghax giet imgieghla, u kwindi, skondkappellanti ma jistax jinghad Ii hija kienet qed tinfrangi l-artikolu 24A(b) tal-Kap. 376.

Illi -artikolu 24A jaqra' hekk:

*24A.Every officer of a financial institution shall take all reasonable steps:*

*(a) to secure compliance by the financial institution with all of the provisions of this Act and any regulations and, or Rules issued thereunder, and with the conditions of its licence or registration; and*

*('b) to ensure that no incorrect information is provided to the competent authority either wilfully or as the result of gross negligence.*

Illi in risposta ghal dan. Fl-ewwel lok interessanti immens huwa I-fatt li l-appellanti tghid hi stess *di sua sponte* li ma kenitx qed tinfrangi l-artikolu 24A(b). U l-artikolu 24A(a)? Ovvja Ii hawn I-appellanti qed tammetti Ii kienet qed tinfrangih.

Illi l-Awtorita' tishaq li l-appellanti ma keilhiex struttura ta' governanza b'sahhitha kif trid il-ligi. Jorge Celemin Gomez, Ii kien l-azzjonista maggoritarju tai-appellanti, kien qed imexxi l-operazzjonjiet wandu. L-appellanti sahansittra naqset li taghmel segregazzoni bejn *il-Compliance Officer* u l-*Managing Director.* Fil-fatsl-istess Gomez ghadu sallum jaqdi dawn iz-zewg funzjonijiet kontradittorji, ghalkemm kien hemm kondizzjoni fil-Iicenzja Ii tirrikjedi Ii eventwalment dawn iz-zewg rwoli kellhom jigu segregati. Barra minn hekk sat-tieni sena tai-operazzjonijiet kellha timtelal-posizzjoni ta' *Business Developer,* izda din il-posizzjoni baqghet vakanti. B'dawn in-nuqqasijiet inkisret kemm il-kondizzjoni (xii) tal-Iicenzja, kif wkoll l-artikolu 5 (1) (c) tal-Kap. 376, li taqra' hekk:

*5 (1) No company shall be granted a licence in terms of this Act unless:*

*(c) the competent authority is satisfied that the company has sound and prudent management and has robust governance arrangements that include a clear organisational structure with well defined, transparent and consistent lines of responsibility, effective procedures to identify, manage, monitor and report the risks to which it is or might be exposed, and adequate internal control mechanisms, including sound administrative and accounting procedures: Provided that such arrangements, procedures and mechanisms shall be comprehensive and proportionate to the nature, scale and complexity of the services provided by the company, as may be determined by the competent authority from time to time and, or as maybe specified by a Financial Institutions Rule;*

Illi kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza lancias huwa minnu li l-Appellanti rrispettat l-artikolu 24A (b).

Dan wassal biex l-Awtorita/ ma baqghetx soddisfatta Ii l-persuna Ii kienet effettivament qed tmexxi n-negozju tal-istituzzjoni finanzjarja, ii kienet ukoll azzjonista maggoritarja tal-appellanti, kienet adegwata biextizgura l-gestjoni soda u prudent tal-istituzzjoni finanzjarja kifjirrikjedi l-artikolu 5(1)(d) tal-Kap. 376, li jaqra hekk:

*5 (1) No company shall be granted a licence in terms of this Act unless:*

*d) the competent authority is satisfied that taking into account the need to ensure the sound and prudent management of the company, shareholders having a qualifying holding, controllers and all persons who will effectively direct the business of the financial institution are suitable persons to ensure its sound and prudent management.*

**It-Tieni Aggravju**

illi dan l-aggravju bazikament huwa rifjut ta' dak li hemm kontenut f punti 4 u 5 tal-ittra datata 7 t' Awissu 2020— l-ittra li tikkontjeni d-decizjoni u d-direttivi Ii qed jigu appellati. L-appellanti tghid li mhux minnu li ma onoratx l l-kondizzjonijiet tal-licenza, u l l t-tardivita' taghha sabiex tintavola certu dokumenti ma kelhomx jissarfu fir-revoka tai-licenzja taghha.

Illi l-Awtorita fl-ewwel lok tigbed l-attenzjoni tat-Tribunal li kif imfisser fl-istess ittra msemmija, kien hemm hafna iktar ragunijiet ghalfejn l-Awtorita' kellha tiehu d-decizjoni li hadet.

illi barra mine hekk il-licenzja tinhareg bil-kondizzjoni cara l l l-appellanti kellha tosserva l-ligijiet ta' Malta. B'hekk awtomatikament malll l-appellanti ma onorawx partijiet tal-Kap. 376, immedjatament ma kienux qed jonoraw il-kondizzjonijiet tal-licenzja.

L-appellanti ma kellhiex struttura organizzazzjonali kif trid l l-ligi u l-prassi t-tajba, u ma mxietx b'manjiera li ispira l-fiducja tal-Awtorita'. B`hekk meta l-Awtorita' ma approvatx il-persuni Ii gew proposti bhala diretturi, ghar-ragunijiet moghtija, l-appellanti naqset li tipprova tipproponi lil xi haddiehor. L-Awtorita' stenniet u ssapportiet kwazi nofs sena u xorta ma kien ebda mossa fid-direzzjoni t-tajba mill-Appellanti, sakemm imbaghad fit-23 t'April 2020 l-Awtorita' harget *I-minded letter* taghha.

Illi fil-frattemp il-lamentazzjonijiet Ii ghamlet l-Awtorita' l l l-appellanti ma kellhiex struttura ta' governanza b'sahhitha kif trid l l-l lgl wassal biex l-FIAU harget decizjoni kontra l-l stess Appellant' ghax ma kenitx qed tonora l-AML/CFT obligations taghha. Dan in-nuqqas wandu jammonta ghal ksur flagrant' ta' l-obbligi legali tal-appellanti u kwindi tal-kondizzjoni tal-licenzja tal-appellanti.

Illi dawn in-nuqqasijiet, b'mod kollettiv, hums bazi fuq xiex l-Awtorita' tista tirtira licenzja skont l- artikolu 6(1) (l) Ii jaghti s-setgha l l l l-Awtorita Ii tirtira licenzja ta' istituzzjoni

finanzjarja fl-eventwalita' lil-appellantl ma tkunx qed tonora xi parti mill-Kap. 376, jew xi regoli mahruga taht l-istess Att, jew xi kondizzjoni tal-licenzja. Fil-fatt dan jaqra' hekk:

6. (1) *The competent authority may withdraw, suspend or restrict a licence or registration issued to a financial institution where:*

*(I) the financial institution fails or is likely to fail to comply with any of the provisions of this Act and any regulations or Financial Institutions Rules issued thereunder or with the conditions under which the licence or registration is granted or any directive as may be issued by the Authority.*

Illi huwa wkoll fatt Ill-a ppellanti kienet tardiva biex tintavola *l-Audited Financial Statements* u *r-returns* statutorji taghha. Dawn il-fatti ma kienux wandehom li wasslu ghad-decizjoni tar-revoka tal-licenzja, imma komplew jghinu l-quddiesa.

**It--tielet aggravju**

Illi l-Appellanti hawnhekk qed tghid li una volta hija ddecidiet unilateralment li ccedil-licenzja taghha volontarjament allura l-Awtorita messha accettat din ic-cessjoni u ma kellhiex ghalfejn tirrevoka l-licenzja.

Illi l-Awtorita tirresisti dan ir-ragunament bil-qawwa.

Illi jekk wiehed jaccetta dan ir-ragunament utilitarju, allura kull entita' licenzjata tista' taghmel li assolutament trid u li jghogobha, tikser kull kondizzjoni u ligi, ghaliha applikabbli, u imbaghad meta tigi daharha mal-hajt iccedi l-licenzja.

Illi l-Awtorita tinsisti li kif jirrizulta b'mod dettaljat fid-decizjoni appellata, u kif ser jigi ppruvat fdan l-appell, jirrizulta b'mod car li l-appellanti ma kenitx qed tisvolgi l-attivitajiet taghha b'mod soddisfacenti jew prudenti, jew b'aderenza mar-regolamentazzjoni lilha spettanti u ghaliha applikabbli, jew b'rispett ghall-kondizzjonijiet lilha imposti, u kwindi kien necessarju li jkun hemm sanzjoni u mhux assoluzzjoni.

Illi r-revoka ta' licenzja ggib maghha konsegwenzi serji, b'effett extra territorjali, stante li awtoritajiet kompetenti fpajjizi ohra ghandhom kull interess ikunu jafu jekk kienx hemm sanzjoni kontra l-appellanti. L-accettazzjoni tal-argument tal-appellanti ma jippermettix li dan isir, u b'hekk *the wrongdoers,* jinghataw opportunita' li jmorru minn gurisdizzjoni ghall-ohra, minghajr ma jkun hemm ebda senjalazzjoni fil-konfront taghhom. Dan mhux sew!

Illi barra minn hekk, hija l-ligi stess li taghti l-poter (ill-Awtorita' li tirtira licenzja anki fl-eventwalita' li tkun l-istituzzjoni finanzjarja stess li tirrinunzja l-licenzja. Kwindi ghall-kuntrarju tal-argument li qed taghmel l-appellanti, istituzzjoni finanjarja ma tistax tiddeciedi unilateralment li ccedi l-licenzja minghajr l-approvazzjoni tal-Awtorita'. Hija l-Awtorita' biss li tista tiddeciedi unilateralment li tirtira licenzja. Dan johrog car mill-artikolu 6(1)(a) tal-Kap. 376, li jaqra hekk:

6. (1) *The competent authority may withdraw, suspend or restrict a licence or registration issued to a financial institution where:*

*(a) the financial institution expressly renounces the licence or registration*

Illi jrid jinghad illi ghalkemm fid-decizjoni appellata hemm direttivi sabiex isir rimbors tal-fondi tal-klijenti sal-21 t' Awissu 2020, u sabiex jinghata bilanc tal-fondi kollha detenuti fid-data tad-decizjoni, l-appellanti naqset li taghmel dan, nonostante l-fatt li dawn id-direttivi gew fis-sehh immdjatament mad-decizjoni tal-Awtorita' u huma esekuttivi irrispettivament mill-fatt li gie intavolat appell.

Illi in vista ta' dak kollu suespost, l-Awtorita titlob li l-appell odjern ghandu jigu michud bl-ispejjez kont a l-istess appellant.

Ra il-provi imressqa mill-partijiet;

Sema it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal- partijiet;

Ra illi l-Appell thallha ghas-seduta tallum sabiex jigi deciz

Ikkunsidra:

1. Illi jirrizulta li s-socjeta Appellanta kienet soggetta ghal spezzjoni kemm mill- Awtorita Appellata kif ukoll mill- FIAU.

2. Illi l- Appellanta pero ssostni illi minhabba numru ta' cirkostanzi, fl- 1 ta' Gunju 2020 [1] hija kienet volontarjament cediet il-licenza lilha moghtija mill-Awtorita Appellanta.

[1] Ara Ittra tal- 1 ta' Gunju 2020 ta' l-Avukat Mifsud esebita bhala Dok. 10.0 man-nota ta' l-Awtorita tas- 16 ta' Gunju 2021.

3. Illi b' dan, l-Appellanta issostni illi l-Awtorita Appellata ma kelliex il-htiega li tohrog id-decizjoni taghha tas- 7 ta' Awissu 2020 (id-Decizjoni [2]) permezz ta' liema l-Awtorita Appellata irtirat ("withdrawn") il-licenza ta' l- Appellanta skond l-artikolu 6 (1) (d) u (i) tal- Kap. 376 tal- Ligijiet ta' Malta, u dan peress illi l-istess licenza kienet giet volontarjament ceduta mis-socjeta Appellanta fl- 1 ta' Gunju 2020.

4. Illi t-talba tas-socjeta Appellanta, hekk kif dedotta fit-talba taghha fir-rikors promotur, u li fuqha jrid jiddeciedi dan it-Tribunal [3], hija cara u limitata ghat-talba tas-socjeta Appellanta li d-decizjoni tas- 7 ta' Awissu 2020 tigi varjata b' dan illi tinghata direzzjoni li l-licenza giet rtirata permezz ta' l-ittra ta' l -1 ta' Gunju 2020.

5. Illi l-Awtorita ma taqbilx ma dan u filwaqt li wiegbet ghal kull premessa imressqa mis-socjeta Appellanta fir-rikors promotur taghha, u dan in sostenn tal- posizzjoni taghha hekk kif kontenuta fid-Decizjoni taghha, tghid illi entita regolata taht il- Kap. 376 ma tistax semplicement iccedi il-licenza taghha. Tghid illi kien hemm ragunijiet sufficjenti sabiex l-Awtorita tkompli issostni il-posizzjoni taghha u tirrevoka l-istess licenza skond kif minnha deciz permezz tad-Decizjoni.

6. Illi allura, il-vertenza li fuqha dan it-Tribunal qieghed jintalab li jiddeciedi huwa jekk l- Awtorita Appellata tistax tirtira l-licenza ta' entita regolata ghal dawk ir-ragunijiet li jidrulha xierqa, meta l-istess entita regolata tkun, precedentement, cediet il-licenza taghha volontarjament. Illi dan qieghed jerga jigi ribadit ghaliex is-socjeta Appellanta, fl- unika talba tagha fir-rikors promotur taghha, illimitat it-talba taghha li d-decizjoni tas- 7 ta' Awissu 2020 tigi varjata b' dan illi tinghata direzzjoni li l-licenza giet rtirata permezz ta' l-ittra ta' l -1 ta' Gunju 2020.

7. Illi mill-fatti jirrizulta illi s-socjeta Appellata kienet socjeta regolata sabiex toffri *"payment service"* a bazi ta' licenza mahruga lilha mill-Awtorita Appellata taht il- Kap. 376 tal- Ligijiet ta' Malta fit- 8 ta' Mejju 2013.

---

[2] Esebita bhala Doc. 11 man-nota ta' l-Awtorita tas- 16 ta' Gunju 2021
[3] Ara fost l- ohrajn Francis Refalo noe vs. Jason Azzopardi et (Appell 7/10/1997)

8. Illi fit- 23 ta' April 2020 l- Awtorita Appellata harget minded letter [4] fejn hija gharfet lis-socjeta Appellanti b' xi *"potential regulatory breaches"* da parti taghha. Dawn kienu jikkoncernaw *"Governance and Structure"*, *"Financial Statements and Statutory Returns"* u *"Responsibility of Officers"*.

9. Illi l- Appellanta wiegbet ghal din permezz ta' ittra tat-8 ta' Mejju 2020 [5] u ittra tal-legali taghha tal- 1 ta' Gunju 2020. F' din ta' l-ahhar l- Appellanta volontarjament cedit il-licenza taghha [6]:

> My client is well aware of the strategy taken my MFSA and FIAU in respect of CCFX and other small licenced organisations. In view of this, my client is hereby giving notice that it is voluntarily surrendering its licence referred to in your letter in terms of Article 6(1)(a) of the Financial Institutions Act. It will suspend all its commercial activities on 1 June 2020 Therefore, any notification in terms of Article 6(7) and (9) of the Act, shall mention that the licence is being withdrawn by CCFX.

10. Illi minkejja din l-ittra ta' l- 1 ta' Gunju 2020, l-Awtorita mexxiet bid-Decizjoni tas- 7 ta' Awissu 2020 u fl-istess decizjoni irtirat il-licenza ta' l-Appellanta. Illi fid-Decizjoni, ir-rilaxx volontarju tal- licenza da parti tal- Appellanta m' hijiex wahda mir-ragunijiet tant illi dan il-fatt lanqas biss jissemma fid-Decizjoni.

11. Illi jidher li l- Appellanta kienet qeghda issib ruhha f' diffikultajiet mill- aspett ta' governanza u aspetti relatati. Spiccat b' numru ta' diretturi anqas minn dak previst u kellha diffikultajiet ohra, li uhud minnhom kienu ukoll identifikati mill- FIAU, tant li din ta' l- ahhar kienet harget *"sanction letter"* fil- 31 ta' Dicmebru 2019. Anke qabel ma irceviet il-minded letter, is-socjeta Appellanta kienet bdiet tiehu azzjoni sabiex tnaqqas l- attivita taghha u skond hi, kienet itterminat is-servizz offrut lill madwar 80% tal- klijenti ttaghha li hija qieset bhal ta' riskju izjed minn normal *"average"*. Wara l-azzjoni tal- FIAU kienet ukoll bdiet process gradwali ta' winding down ta' l- attivitajiet taghha. Hawn issir referneza ghall-affidavit ta' Jorge Pio Celemin Gomez [7] fejn huwa spjega il-problemi li kienet qed titfacca l-Appellanta anke minhabba cirkostanzi ta' bad pub,icity li kienet qeghda titfacca Malta. Huwa jsostni illi l-Appellanta kienet diga

---

[4] Esebita bhala Doc. 8.0 man-nota ta' l-Awtorita tas- 16 ta' Gunju 2021.
[5] Esebita bhala Doc. 9.0 man-nota ta' l-Awtorita tas- 16 ta' Gunju 2021. L-ittra hija bla data pero ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li l-ittra li ghaliha tifferi l-Appellanta bhala l-ewwel tewgiba taghha ghall-minded letter hija din.
[6] Vide l-ahhar paragrafu ta' l-ittra
[7] Esbit in atti tramite nota tal- 21 ta' April 2021

"made preparation to terminate all operations in Malta and move to another jurisdiction" qabel ma inharget il-minde letter Ta' April 2020, li skond l-Appellanta waslet ghand is-socjeta Appellanta fis- 27 ta' Mejju 2020 [8].

12. Illi il- minded letter ta' l- Awtorita mahruga fit- 23 ta' April 2020 kienet cara u inekwivoka stante li kienet ibbazata fuq fatti pjuttost oggettivi. Izda, is-socjeta Appellanta, apparti li tirribatti dak avvanzat kontriha, ghazlet illi iccedi volontarjament il-licenza taghha.

13. Illi dan, skond is-sottomissjoni ta' l-Appellanta, kellu jaghlaq il-kapitolu u id-Decizjoni ma kienetx necessarja jew mehtiega.

14. Illi l-Awtorita tghid mod iehor u ssostni illi entita regolata ma tistax taqbad u ccedi il-licenza taghha u b' daqshekk taghlaq il-kapitolu regolatrju taghha. Tirreferi ukoll ghall-Artikolu 6(1)(a) tal- Kap 376 li jghid illi:

> *6. (1) L-awtorità kompetenti tista' tħassar, tissospendi jew tirrestrinġi liċenza jew reġistrazzjoni maħruġa lill-istituzzjoni finanzjarja fejn:*
>
> *(a) l-istituzzjoni finanzjarja espressament tirrinunzja għal-liċenza jew għar-reġistrazzjoni*

15. Illi tajjeb illi jigi rilevat illi anke fl-ittra ta' l- 1 ta' Gunju 2020, l-Appellanta irriferit ghall-istess artikolu meta hija cediet il-licenza taghha.

16. Illi fil-fehma tat-Tribunal, il- Ligi hija cara, u cioe illi entita regolata tista tirrinunzja ghal-licenza, izda b' dana kollu, din hija wahda mir-ragunijiet a bazi ta' liema l-Awtorita **<u>tista</u>** [9] thassar, tissospendi jew tirrestringi licenza. Dan ifisser illi ma jezistix,

---

[8] Jidher li hemm konfuzjoni fuq meta giet notifikata il-minded letter u dan ghaliex skond l-Awtorita, l- ewwel risposta (doc. 9) li kienet dahlet da parti tas-socjeta Appellanta u li hija bla data kienet waslet ghand l-Awtorita fit- 8 ta' Mejju 2020. Minn naha l-ohra is-socjeta Appellanta tghid illi din l-ittra waslet ghandha fis- 27 ta' Mejju 2020 tant illi anke fl-iitra ta' l- 1 ta' Gunju 2020 issir referenza ghal fatt illi il-minded letter waslet fis- 27 ta' Mejju 2020.

[9] Emfazi mizjuda

f' dan il-qasam, il-principju illi persuna li ghandha licenza, tista tirrununzja ghal tali licenza b' mod unilaterali u b' hekk ma tibqax soggetta ghar-regime regolatorju naxxenti minn dik il-licenza.

17. Illi fuq kollox dak li tghid il-Ligi jirrifletti principju baziku. Entita regolata, minkejja li totjeni licenza b' mod liberu u volontarju, ma tistax tohrig mill- qafas regolatorju bl-istess mod li dahlet bih. U dan ghaliex entita regolata necessarjament ghandha tkun soggetta ghal qafas regolatorju sa dak il-mument illi dak li ghalih hija kienet regolata jigi konkluz b' mod korrett u in piena osservanza tar-regolamenti li jirregolaw dik l-attivita. Wiehed irid izomm f' mohhu illi attivita regolata tattira regime regolatorju specjali u specifiku intiz fuq kollox sabiex jizgura l-integrita, reponsabilita u fiducja [10]. Dan zgur qatt ma jista jintlahaq jekk entita regolata tista tohrog minn dan il-qafas b' mod unilaterali, meta trid hi u kif trid hi. Lanqas ma jaghmel sens illi dan jkun jista jsir in segwitu ta' azzjoni ta' infurzar jew meta tinhareg minded letter. Dan l-argument huwa kontradittorju ghar-raguni bazika li ghaliha attivita ghandha tkun regolata. Fl-ahhar mill-ahhar ir-regolamentazzjoni hija intiza sabiex tilhaq aspettativa ta' serjeta u fiducja. Dawn huma elementi reciproci li jiddependu fuq ir-regolatur, l-entita regolata u it-terzi li jinqdew bis-servizzi ta' l-entita regolata. Is-semplici hsieb illi l-entita regolata tippretendi illi tista tohrog minn dan b' mod unilaterali huwa il-kuntrarju ta' dak kollu illi kull qafas regolatorju ghandu jilhaq.

18. Illi dan huwa in succinct principju li fuqu strahet l-Onorabbli Prim Awla tal- Qorti Civili fid-deicjzoni taghha fl-ismijiet ***AllInvest Company Limited et. vs. X et (Rikors numru 888/13 JZM deciza 30 ta' Marzu 2017)***. Illi f' dan il-kaz, kumpannija li applikat sabiex tigi xolta a bazi tal- Kap. 386 sabet l-oggezzjoni ta' l-Awtorita Appellata. U l-Onorabbli Qorti qalet hekk:

> *Fl-istess waqt meta kumpannija kostitwita skont il-Kap 386 imbaghad tezercita mansjonijiet specjali u specifici li huma regolati b`legislazzjoni specjali u specifika hemm it-twettieq tal-obbligi taghha jitwessa` bil-bosta u jaqbez dak li huwa previst mil-ligi generali.*

[10] Ara Art. 5 Kap. 330 Ligijiet ta' Malta

*Fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, ghax jaf illi t-trasparenza, ir-responsabilitajiet fiducjarji, u l-kontabilita` jigu l-ewwel u qabel kollox, illegislatur haseb ghal legislazzjoni kwazi kwazi of strict liability sabiex ihares b`mod legittimu u xieraq min jinvesti fil-konfront ta` l-operaturi tas-settur.*

19. Illi l- assjem ta' dak li jipprovdi l-artikolu 6(1)(a) u dan il-principju baziku jassodaw il-posizzjoni ta' l-Awtorita Appellata illi hija kellha kull dritt li tkompli tirregola lill-Appellanta indipendentement mill-fatt illi din ta' l-ahhar volontarjament irrinunzjat ghal-licenza taghha.

20. Illi ghalhekk l-Awtorita kellha kull dritt li tkompli bl-azzjoni li kienet bdiet tramite il-minded letter u l-investigazzjoni li kienet inbdiet qabel dan. L- Awtorita kellha l-obbligu illi tiehu kull pass li kellha tiehu fil-konfront tas-socjeta Appellanta. U fl-ahhar mill-ahhar tara illi in segwitu tal- kancellament tal- licenza l-attivita tal- kumpannija jinghalaq b' rispetto assolut ghad-drittijiet tat-terzi li uzaw is-servizzi tal- Appellanta.

21. Illi kif diga inghad, ir-rinunzja tal- licenza da parti tas-socjeta Appellanta hija raguni wahda li a bazi taghha l- Awtorita tista thassar licenza. L-Awtorita setghat ghazlet illi fid-Decizjoni taghha hija tinkludi dan il-fatt ukoll bhala raguni ghalfejn il-licenza kienet qeghda tigi mhassra. Certament li dan ma kien ser ibiddel xejn mill- fatt illi l-licenza ta' l-Appellanta giet mhassra b' decizjoni ta' l-Awtorita u dan ghar-ragunijiet dedotti fi-Decizjoni li, kif diga inghad, seta ukoll jinkludi bhala raguni addizzjonali dak provdut fl-artikolu 6(1)(a). L-artikolu 6(1) jindika numru differenti ta' ragunijiet ghalfejn l-Awtorita tista thassar licenza, bic-cessjoni volontarja ta' l-istess licenza tkun biss wahda mir-ragunijiet. Jekk hemm ragunijiet ohra certament illi l-Awtorita ghandha kull dritt li tali thassi ta' licenza tkun ibbazata fuq izjed minn raguni wahda, basta dawn ikunu ragunijiet li jaqghu taht l-artikolu 6(1). Raguni wahda ma tannullax ragunijiet ohra li seta kien hemm u ghaldaqstant is-socjeta Appellanta ma tistax tilmenta illi r-ragunijiet l-ohra ma baqghux jissussistu ghaliex kien hemm cessjoni volontarja.

22. Illi tenut kont ta dan kollu, It-Tribunal ma jistax jilqa it-talba ta' l-Appellanta hekk kif dedotta.

Decide:

Illi ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet fuq esposti, jichad l-appell u ghaldaqstant it-talba tas-Socjeta Appellanta bl-ispejjez kontra l-istess Socjeta Appellanta.

IAN STAFRACE

Dr. N. Valenzia

JOSEPH AZZOPARDI